KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fit-2 ta' Settembru 2021 [1]

Kawża C-151/20

Bundeswettbewerbsbehörde
vs
Nordzucker AG,
Südzucker AG,
Agrana Zucker GmbH

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Aġir mistħarreġ minn żewġ awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni – Prinċipju *ne bis in idem* – Applikazzjoni simultanja tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u nazzjonali – Identità tal-interess ġuridiku protett – Effetti territorjali ta' deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni – Programm ta' klemenza"

I. Introduzzjoni

1. Nordzucker u Südzucker huma żewġ produtturi taz-zokkor. L-awtorità nazzjonali Ġermaniża tal-kompetizzjoni sabet li dawn iż-żewġ impriżi kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-liġi Ġermaniża tal-kompetizzjoni. Fil-kawża prinċipali, l-awtorità nazzjonali Awstrijaka tal-kompetizzjoni titlob dikjarazzjoni li dawn l-impriżi kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-liġi Awstrijaka tal-kompetizzjoni, filwaqt li apparentement hija straħet fuq l-istess fatti bħal dawk li diġà jinsabu fid-deċiżjoni Ġermaniża.

2. Huwa f'dan il-kuntest li l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) qajmet kwistjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* sanċit fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Essenzjalment, dan il-prinċipju jipprekludi proċeduri tad-dritt tal-kompetizzjoni paralleli jew sussegwenti fi Stat Membru ieħor għal dak li jidher li jkun, mill-inqas parzjalment, l-istess aġir?

3. Dan il-każ jagħti lok għal żewġ kwistjonijiet b'mod partikolari. L-ewwel, liema kriterji għandhom jiggwidaw l-interpretazzjoni ta' *idem* għall-finijiet ta' *ne bis in idem* fid-dritt tal-kompetizzjoni u, b'mod ġenerali, skont l-Artikolu 50 tal-Karta? Nittratta din il-materja

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

fid-dettall fil-konklużjonijiet paralleli tiegħi fil-kawża bpost[2]. Sa dan il-punt, għalhekk, dawn il-konklużjonijiet jistrieħu fuq l-analiżi li diġà saret f'dawk il-konklużjonijiet. It-tieni, in-natura speċifika ta' dan il-każ tinsab fil-ħtieġa li jerġa' jingħad x'jikkostitwixxi l-identità ta' fatti rilevanti għall-finijiet tal-prinċipju *ne bis in idem*[3]. Fuq kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna wkoll – għal darba oħra, wieħed jista' jżid – sabiex tiċċara kif hija tifhimha dwar l-identità tal-interess ġuridiku protett. L-istess interess ġuridiku protett jeżisti f'żewġ settijiet ta' proċeduri nazzjonali li fihom żewġ awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni applikaw (l-istess) dispożizzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, kif ukoll ir-regoli nazzjonali rispettivi tagħhom tal-kompetizzjoni?

II. Il-kuntest ġuridiku

4. L-Artikolu 50 tal-Karta, bit-titolu "Id-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat", jgħid li "[E]bda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet [finalment] mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skont il-liġi."

5. L-Artikolu 101 TFUE jipprojbixxi bħala inkompatibbli mas-suq intern "l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' […] assoċjazzjonijiet bejn [ta'] impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern".

6. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) 1/2003[4], bit-titolu "Ir-Relazzjoni bejn l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat u liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni", jgħid dan li ġej:

"1. Fejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri u qrati nazzjonali japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għal ftehim, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet tal-impriża [ta' impriżi] jew prattiċi miftiehma fis-sens tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat li jista' jaffettwa [jistgħu jaffettwaw] l-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens ta' din id-disposizzjoni, dawn ħa [għandhom] japplikaw ukoll l-Artikolu 81 tat-Trattat għal ftehim bħal dawn, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma. Fejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri jew qrati nazzjonali japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għal xi kwalunkwe abbuż projbit mill-Artikolu 82 tat-Trattat, dawn ħa [għandhom] japplikaw ukoll l-Artikolu 82 tat-Trattat.

2. L-applikazzjoni tal-liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ma tistax twassal għal projbizzjoni ta' ftehim, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' l-impriża [ta' impriżi] jew prattiċi miftiehma li jista jaffetwa [jistgħu jaffettwaw] il-kummerċ bejn l-Istati Membri imma ma jirrestrinġix [jirrestrinġux] il-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat, jew ma jilħaqx [li jissodisfaw] il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat jew li huma kopruti [koperti] minn xi Regolament għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat. Stati Membri mhux taħt dan ir-Regolament jiġu prekluži milli jadottaw u japplikaw fuq it-territorju tagħhom liġijiet nazzjonali aktar stretti li jipprojbixxu jew jissanzjonaw kondotta unilaterali imqabdin biex jaħdmu [mwettqa minn] xi impriża.

[2] C-117/20.

[3] Li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà qalet fl-imgħoddi, aktarx bl-ikbar dettall fis-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72).

[4] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8. Vol. 2, p. 205).

3. Mingħajr preġudizzju għal Prinċipji ġenerali u disposizzjonijiet oħra tal-liġijiet tal-Komunità, paragrafu 1 u 2 ma japplikawx meta l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-qrati tal-Istati Membri japplikaw il-liġijiet tal-kontrol tal-għaqda [tal-konċentrazzjonijiet] u lanqas [ma jipprekludu] l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jsegwu b'mod predominanti għan differenti min dak segwut mil-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat."

7. L-Artikolu 5, għandu bħala titolu "Il-poteri ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri", u jgħid dan li ġej:

"L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri għandhom ikollhom is-setgħa li japplikaw l-Artikoli 81u 82 tat-Trattat f'każijiet individwali. Għal dan il-għan, jaggixxu fuq l-inizjattiva proprja tagħha [tagħhom] jew fuq xi lment, dawn jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet li ġejjin:

– jirrikjedu li xi ksur jiġi mitmum,

– jordnaw miżuri ntermedjarji [interim],

– jaċċettaw rbit [obbligi],

– jimponu multi, perjodu ta' pagamenti penali [pagamenti ta' penalità] jew xi pieni oħra previsti mil-liġijiet nazzjonali tagħhom.

Fejn fuq bażi tal-informazzjoni li għandhom fil-pussess tagħhom il-kondizzjonijiet għal projbizzjoni m'humiex milħuqa huma għandhom jiddeċiedu li ma hemmx każ li jkun hemm azzjoni mil-parti tagħhom."

8. L-Artikolu 13 huwa dwar "Suspensjoni jew it-tmiem tal-proċeduri":

"1. Fejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' tnejn jew aktar minn Stati Membri irċevew ilment jew qed jaggixxu fuq l-iniżjattiva tagħhom taħt l-Artikolu 81 jew l-Artikolu 82 tat-Trattat kontra l-istess ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni jew prattika, il-fatt li awtorità waħda qed tieħu ħsieb tal-każ ikun ta' bażi suffiċjenti għal oħrajn biex jissuspendu il-proċeduri qabelhom [quddiemhom] jew jirriġetta ilment. Il-Kummissjoni tista' bl-istess mod jirriġetta xi lment fuq bażi li awtorità tal-kompetizzjoni ta' xi Stat Membru qed tieħu ħsieb il-każ.

2. Fejn l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru jew il-Kummissjoni irċeviet xi ilment kontra xi ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni jew prattika li diġa ħadet ħsieba awtorità tal-kompetizzjoni oħra, hi tista tirriġettha."

III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domandi magħmula

9. Nordzucker u Südzucker huma żewġ manifatturi Ġermaniżi taz-zokkor. Agrana hija kkontrollata minn Südzucker. Hija topera fabbriki taz-zokkor fl-Awstrija u fl-Ewropa tal-Lvant.

10. Għal raġunijiet storiċi, u minħabba l-omoġeneità tal-prodott u l-ispejjeż kbar tat-trasport, is-suq taz-zokkor Ġermaniż kien maqsum fl-oqsma ta' bejgħ bażiku tal-manifatturi l-kbar Ġermaniżi. B'reazzjoni għall-attentati minn manifatturi taz-zokkor barranin sabiex jidħlu fis-suq Ġermaniż, kien hemm diversi laqgħat bejn id-diretturi tal-bejgħ ta' Nordzucker u Südzucker qabel

l-2004. Matul dawn il-laqgħat saret enfasi partikolari dwar l-importanza li tkun evitata pressjoni kompetittiva ġdida, billi jkun żgurat li kumpanniji Ġermaniżi ma jikkompetux ma' xulxin billi jippenetraw l-oqsma tradizzjonali rispettivi tagħhom ta' bejgħ bażiku.

11. Qrib tmiem l-2005 u l-bidu tal-2006 Agrana stabbilixxiet li xi whud mill-klijenti Awstrijaċi tagħha kienu qegħdin jixtru z-zokkor mingħand sussidjarja Slovakka ta' Nordzucker. Waqt konverżazzjoni bit-telefon fit-22 ta' Frar 2006, id-direttur maniġerjali ta' Agrana għarraf lid-direttur tal-bejgħ ta' Südzucker dwar dawn il-kunsinni u saqsieh jekk kienx jaf lil xi ħadd għand Nordzucker li miegħu seta' jiddiskuti din il-ħaġa. Id-direttur tal-bejgħ ta' Südzucker imbagħad kellem lid-direttur tal-bejgħ ta' Nordzucker. Huwa lmenta dwar il-kunsinni lejn l-Awstrija u implika li dan seta' jkollu konsegwenzi għas-suq Ġermaniż. Id-direttur tal-bejgħ ta' Nordzucker ingħata struzzjoni sabiex ma jirreaġixxix b'mod dirett għal dik it-talba. Madankollu, huwa mbagħad għamilha ċara mal-maniġer tal-bejgħ tas-sussidjarja Slovakka ta' Nordzucker li ma kinitx ix-xewqa tiegħu li jespandi l-esportazzjonijiet lejn l-Awstrija.

12. B'deċiżjoni tat-18 ta' Frar 2014, il-Bundeskartellamt (iktar 'il quddiem il-"BKA"), l-awtorità nazzjonali Ġermaniża tal-kompetizzjoni (iktar 'il quddiem l-"NCA"), waħħlet multa ta' EUR 195 500 000 lil Südzucker essenzjalment minħabba li din kienet naqset li tkun konformi, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mal-projbizzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi kompetitriċi li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Il-BKA sabet li Nordzucker, Südzucker u impriża Ġermaniża oħra kienu ftiehmu bejniethom billi ħarsu l-oqsma tagħhom ta' bejgħ bażiku għal zokkor industrijali u bl-imnut. Id-deċiżjoni tal-BKA rriproduċiet il-kontenut tal-konverżazzjoni telefonika msemmija iktar 'il fuq tat-22 ta' Frar 2006 dwar l-Awstrija.

13. Il-kawża prinċipali bdiet wara li Nordzucker kienet ippreżentat rikors għall-klemenza fl-Awstrija. Il-Bundeswettbewerbsbehörde (in-NCA tal-Awstrija) (iktar 'il quddiem il-"BWB"), ippreżentat rikors quddiem il-qorti kompetenti Awstrijaka li bih talbet, fir-rigward ta' Nordzucker, konstatazzjoni dikjaratorja li ssib li din tal-aħħar kienet kisret l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni. Fir-rigward ta' Südzucker il-BWB talbet li tkun imposta multa fis-somma ta' EUR 12 460 000 għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-21 ta' Settembru 2006. BWB talbet ukoll l-impożizzjoni ta' multa oħra fis-somma ta' EUR 15 390 000, għar-responsabbiltà flimkien u *in solidum* ta' Südzucker u ta' Agrana, għall-perijodu mit-22 ta' Settembru 2006 sal-31 ta' Ottubru 2008.

14. Il-qorti nazzjonali tal-ewwel istanza ċaħdet dan ir-rikors. Hija rriteniet li l-BWB ma kellhiex interess leġittimu li titlob konstatazzjoni dikjaratorja kontra Nordzucker. Dan minħabba li Nordzucker hija impriża kkonċernata minn programm ta' klemenza li dwaru l-BWB żammet lura milli titlob l-impożizzjoni ta' multa. Għall-perijodu li wassal sat-22 ta' Frar 2006, ma kien hemm ebda indikazzjoni, lanqas impliċita, li l-Awstrija kienet involuta fil-ftehim bażiku li jitħarsu l-oqsma tal-bejgħ tradizzjonali Ġermaniżi.

15. Madankollu, il-qorti tal-ewwel istanza osservat ukoll li t-talba magħmula bit-telefonata tat-22 ta' Frar 2006 seta' kellha mill-inqas effett ta' bruda fuq il-kunsinni magħmula lill-Awstrija mis-sussidjarja Slovakka ta' Nordzucker. B'hekk, l-implimentazzjoni ta' din it-talba kienet tikkostitwixxi ftehim bejn Nordzucker u Südzucker li fil-fatt kiser l-Artikolu 101(1) TFUE. Madankollu, dik il-qorti rriteniet li jekk ċertu aspett ta' kif saru l-affarijiet kellu jkun kopert b'penali diġà imposta minn NCA oħra, imbagħad penali ġdida tkun kuntrarja għall-prinċipju *ne bis in idem*. Skont dik il-qorti, dan kien tassew il-każ fir-rigward tal-ftehim tat-22 ta' Frar 2006.

16. Il-BWB appellat quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija), il-qorti tar-rinviju. Hija qiegħda titlob, abbażi tal-ftehim milħuq permezz tal-konverżazzjoni bit-telefon tat-22 ta' Frar 2006, konstatazzjoni dikjaratorja li Nordzucker kisret l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali. Fir-rigward ta' Südzucker, il-BWB qiegħda titlob ukoll li tkun imposta multa għall-istess ksur. Il-BWB tikkontesta l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* magħmula mill-qorti tal-ewwel istanza. Hija ssostni li din l-evalwazzjoni ma kinitx qieset it-territorji li għalihom kienu ffissati l-multi abbażi tal-fatturat iġġenerat hemmhekk. Fil-fehma tal-BWB, id-deċiżjoni fl-ewwel istanza hija kuntrarja wkoll għall-applikazzjoni deċentralizzata tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, irregolata mir-Regolament Nru 1/2003, li jawtorizza azzjoni parallela minn diversi NCAs.

17. Il-qorti tar-rinviju tinnota li Südzucker kienet immultata mill-BKA għal atti li jinkludu l-konverżazzjoni telefonika tat-22 ta' Frar 2006, li kienet l-uniku ksur rilevanti fil-kawża pendenti quddiemha. Dik il-qorti tirreferi wkoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* hija suġġetta għat-tliet kundizzjonijiet tal-identità tal-awtur tar-reat, tal-fatti rilevanti u tal-interess ġuridiku protett. Tinnota wkoll dak li tqis bħala ċerta tensjoni bejn il-kriterju tal-interess ġuridiku protett u l-approċċ adottat f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni li jagħmel l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* suġġetta biss għall-identità tal-awtur tar-reat u tal-fatti.

18. Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tipprovdi ebda gwida dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* f'ċirkustanzi fejn żewġ NCAs japplikaw kemm id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali f'żewġ settijiet ta' proċeduri li jkunu relatati mal-istess fatti u mal-istess awtur tar-reat. Il-qorti tar-rinviju tinnota wkoll li ma tista' tinsilet ebda indikazzjoni mir-Regolament Nru 1/2003. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti għandha dubju jekk il-fatt li NCA kienet qieset l-effetti tal-ksur partikolari fi Stat Membru ieħor għandux funzjoni għall-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* u jekk il-fatt li l-kawża prinċipali kienet tinvolvi l-applikazzjoni ta' programm ta' klemenza għal Nordzucker għandux xi rilevanza f'dan ir-rigward.

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) It-tielet kriterju stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni għall-applikazzjoni tal-prinċipju '*ne bis in idem*', jiġifieri dak li jgħid li għandu jkun ikkonċernat l-istess interess ġuridiku protett, għandu jiġi applikat ukoll meta l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni ta' żewġ Stati Membri jintalbu japplikaw, għall-istess fatti u fir-rigward tal-istess persuni, minbarra l-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-istess regoli tad-dritt Ewropew (f'dan il-każ, l-Artikolu 101 TFUE)?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda:

(2) F'każ bħal dan ta' applikazzjoni parallela tad-dritt Ewropew tal-kompetizzjoni u ta' dak nazzjonali, huwa protett l-istess interess ġuridiku?

(3) Minbarra dan, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju "*ne bis in idem*", huwa rilevanti jekk l-ewwel deċiżjoni – fuq il-livell kronoloġiku – tal-awtorità għall-kompetizzjoni ta' Stat Membru li timponi multa tkun effettivament ħadet inkunsiderazzjoni l-effetti ħżiena fuq il-kompetizzjoni fl-Istat Membru l-ieħor li l-awtorità għall-kompetizzjoni tiegħu ddeċidiet biss sussegwentement fil-proċedura ta' dritt tal-kompetizzjoni li hija mexxiet?

(4) Proċedura li fiha, minħabba l-parteċipazzjoni ta' parti kkonċernata fil-programm nazzjonali ta' klemenza, jista' jiġi kkonstatat biss ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, hija wkoll proċedura suġġetta għall-prinċipju '*ne bis in idem*', jew tali sempliċi konstatazzjoni ta' ksur tista' ssir indipendentement mill-eżitu ta' proċedura preċedenti rigward l-impożizzjoni ta' multa (fi Stat Membru ieħor)?"

20. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu sottomessi minn Südzucker, minn Agrana, mill-BWB, mill-Gvern Belġjan, Ġermaniż u Taljan, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Südzucker, Agrana, il-BWB, il-Gvern Belġjan, Ġermaniż u Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw argumenti orali fis-seduta li saret fit-22 ta' Marzu 2021. Din is-seduta nżammet kemm għal din il-kawża kif ukoll, b'mod konġunt, għall-Kawża C-117/20, bpost.

IV. Analiżi

21. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. Nibda l-analiżi tiegħi billi nindirizza r-rilevanza tal-ewwel u tat-tieni domanda magħmula (A). Imbagħad ngħaddi għat-test li, fil-fehma tiegħi, għandu jirregola l-applikabbiltà tal-prinċipju *ne bis in idem* f'materji tad-dritt tal-kompetizzjoni u f'kull każ ieħor skont l-Artikolu 50 tal-Karta (B). Ser inqis b'mod partikolari l-kwistjoni tal-interess ġuridiku protett fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni (B.1), qabel ma ngħaddi għall-identità ta' fatti rilevanti f'territorju partikolari u fi żmien partikolari (B.2). Nikkonkludi billi nikkonċentra fuq ir-rilevanza tal-konstatazzjoni dikjaratorja mitluba fil-proċeduri nazzjonali, mingħajr ebda multa imposta minħabba li dawn il-proċeduri involvew l-applikazzjoni ta' programm ta' klemenza, għall-applikabbiltà tal-prinċipju *ne bis in idem* fl-imsemmija proċeduri (C).

A. Ir-rilevanza tal-ewwel u tat-tieni domanda magħmula

22. Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab taċċerta jekk il-kriterju tal-interess ġuridiku protett japplikax fil-kuntest taż-żewġ settijiet ta' proċeduri nazzjonali, relatati mal-istess awturi tar-reat u mal-istess fatti, li fihom in-NCAs rispettivi japplikaw l-Artikolu 101 TFUE u d-dritt tal-kompetizzjoni nazzjonali (l-ewwel domanda). Jekk il-kriterju ta' interess ġuridiku jitqies rilevanti, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk il-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u nazzjonali jipproteġux l-istess interess ġuridiku (it-tieni domanda).

23. Għalkemm ma tqajmitx formalment eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-BWB, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni ma jqisux li risposta għall-ewwel domanda (u, sa ċertu punt, għat-tieni domanda) hija deċiżiva sabiex dan il-każ ikun solvut. Essenzjalment huma tal-fehma li ma hemmx identità ta' fatti fil-kawża prinċipali minħabba li l-BKA u l-BWB kienu qiesu l-aġir antikompetittiv inkwistjoni fir-rigward tat-territorju nazzjonali tagħhom biss. Ma hemmx ħtieġa, għalhekk, li ssir evalwazzjoni tal-interess ġuridiku protett.

24. Jiena tal-parir li wieħed ma joqgħodx lura milli jagħti risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda magħmula.

25. L-ewwel u qabel kollox, ma huwiex ċar jekk il-BKA kinitx illimitat l-azzjoni tagħha għat-territorju Ġermaniż. Fil-fatt, jidher li hemm xi ftit tal-konfużjoni dwar x'qieset eżattament dik in-NCA u l-konsegwenzi li rriżultaw minn dan. Nifhem li din il-konfużjoni tinħoloq

mir-riferiment, fid-deċiżjoni tal-BKA, għall-konverżazzjoni telefonika tat-22 ta' Frar 2006 li matulha kien diskuss is-suq Awstrijak. Dik il-konverżazzjoni straħet fuqha wkoll il-BWB fil-kawża prinċipali.

26. Madankollu, ma hemmx informazzjoni li tagħmilha ċara dwar jekk (u kif) il-kollużjoni li tirriżulta minn dik il-konverżazzjoni kinitx riflessa fl-istabbiliment ta' kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-proċeduri quddiem il-BKA u fid-deċiżjoni aħħarija tagħha. Il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-deċiżjoni tal-BKA. Tgħid ukoll li l-imsemmija deċiżjoni ma fihiex dettalji dwar il-fatturat li kien serva bħala l-bażi sabiex tkun ikkalkolata l-multa imposta fuq Südzucker.

27. B'żieda ma' dawn id-dubji, il-formulazzjoni tal-ewwel domanda tirreferi espressament *għall-istess fatti*. It-tielet domanda mbagħad tistaqsi dwar *l-istess effetti* tal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni inkwistjoni. Jekk dawn id-domandi jittieħdu fil-kuntest tad-digriet tar-rinviju, ikun jidher li, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, jista' jkun hemm sovrappożizzjoni territorjali bejn il-proċeduri mmexxija mill-BKA, minn naħa, u dawk pendenti quddiemha, min-naħa l-oħra.

28. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju b'mod ċar tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi gwida dwar il-kwistjoni tal-interess ġuridiku protett. Filwaqt li dan l-element tabilħaqq aktarx jitqies wara verifika tal-identità tal-awtur tar-reat u tal-fatti rilevanti, l-elementi speċifiċi ta' każ u l-interess f'ekonomija tal-ġudizzju jistgħu jitolbu li s-sekwenza tal-evalwazzjoni tkun differenti. Din is-sekwenza għandha tiġi stabbiltà mill-qorti tar-rinviju.

29. It-tielet nett, fuq nota pjuttost anċillari, iżda waħda li għadha sinjifikattiva, il-qorti nazzjonali tistaqsi, permezz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, dwar it-test tan-*ne bis in idem* li għandu jkun applikat fi proċeduri tad-dritt tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari, u skont l-Artikolu 50 tal-Karta, b'mod ġenerali. F'dan il-kuntest, ikun pjuttost ta' taħwid il-moħħ, u ċertament mhux konformi mal-ispirtu ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha sempliċement tikkonċentra fuq waħda mill-kundizzjonijiet li jistgħu ma jiġux issodisfatti (iżda li tassew hija kwistjoni ta' fatt li għandha tkun stabbilita mill-qorti tar-rinviju), mingħajr ma tgħid liema huma l-kriterji l-oħra tal-istess test.

30. Fil-qosor, sakemm ma jistax jiġi eskluż li ż-żewġ settijiet ta' proċeduri fil-fatt huma sovrapposti b'xi mod jew ieħor, jew li l-qorti tar-rinviju tkun tixtieq teżamina l-kwistjoni tal-interess ġuridiku qabel il-kwistjoni tal-identità ta' fatti, il-preżunzjoni tar-rilevanza[5] li għandhom talbiet għal deċiżjoni preliminari ma tistax titqies li tkun ikkonfutata. Għalhekk nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel u għat-tieni domanda magħmula.

B. Ne bis in idem fid-dritt (tal-kompetizzjoni) tal-Unjoni: it-test u l-komponenti tiegħu

31. L-ewwel u t-tieni domanda magħmula huma relatati mad-definizzjoni tat-test li għandu jirregola kemm huwa applikabbli l-prinċipju *ne bis in idem* f'materji ta' dritt tal-kompetizzjoni u, b'mod iktar speċifiku f'dan il-kuntest, mad-definizzjoni ta' *idem*.

[5] L-iktar reċenti, pereżempju, is-sentenza tad-29 ta' April 2021, Ubezpieczeniowy Fundusz Gwarancyjny z siedzibą (C-383/19, EU:C:2021:337, punti 29 u 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32. Nibda billi fil-qosor infakkar fir-raġunijiet li jagħtu lok għal kwistjonijiet f'dan ir-rigward. Ir-risposta li nissuġġerixxi *għall-ewwel* domanda tistrieħ fuq l-analiżi diġà magħmula fil-konklużjonijiet paralleli tiegħi fil-kawża bpost. Nipproponi test unifikat ta' *ne bis in idem* skont l-Artikolu 50 tal-Karta billi noqgħod fuq l-identità bi tlieta: tal-awtur tar-reat, tal-fatti rilevanti u tal-interess ġuridiku protett (1).

33. Imbagħad, irrid, fir-risposta għat-*tieni* domanda, nindirizza l-kwistjoni tal-interess ġuridiku protett speċifikament fid-dritt tal-kompetizzjoni. Dwar dan nikkonkludi li meta żewġ NCAs japplikaw l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet ekwivalenti tal-liġi nazzjonali, huma jkunu qegħdin jipproteġu l-istess interess ġuridiku (2).

34. Fl-aħħar ngħaddi għall-kwistjoni dwar jekk iż-żewġ settijiet ta' proċeduri diskussi f'dan il-każ humiex marbuta mal-istess fatti u jekk, bħala punt ta' dritt, jistax imqar ikun possibbli li huma jagħmlu dan. Nikkonkludi li l-kwistjoni dwar jekk il-BKA qisitx l-effetti tal-ksur partikolari tad-dritt tal-kompetizzjoni fl-Awstrija hija tabilħaqq rilevanti għall-applikabbiltà tal-prinċipju *ne bis in idem* fil-kawża prinċipali, iżda hija 'l bogħod milli ċara bħala stat ta' fatt (3).

1. It-test: identità bi tlieta

35. L-ewwel u t-tieni domanda magħmula huma aktarx ispirati mill-konferma repetuta tal-Qorti tal-Ġustizzja li, fid-dritt tal-kompetizzjoni, sabiex titħares il-kundizzjoni ta' *idem* jeħtieġ ikun hemm mhux biss l-identità tal-awtur tar-reat u tal-fatti, iżda wkoll l-identità tal-interess ġuridiku protett [6].

36. Il-ġurisprudenza dwar *ne bis in idem* fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni bdiet xi ħamsin sena ilu bis-sentenza Wilhelm *et* tal-Qorti tal-Ġustizzja [7]. Dik il-kawża kienet dwar investigazzjonijiet paralleli nazzjonali u supranazzjonali dwar aġir antikompetittiv. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li "d-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali dwar l-akkordji jqisu l-akkordji minn perspettivi differenti" [8], wara ġiet miżjuda bil-kjarifika li l-protezzjoni mogħtija permezz tal-prinċipju *ne bis in idem* fid-dritt tal-kompetizzjoni tiskatta biss meta t-tieni sett ta' proċeduri jkun dwar mhux biss l-istess awtur tar-reat u l-istess fatti, iżda wkoll dwar l-istess interess ġuridiku protett [9]. Din l-interpretazzjoni tal-prinċipju ġiet speċjalment ikkonfermata fil-kawża Toshiba [10]. Minkejja l-kritika li kienet qiegħda tiżdied tal-użu tal-kundizzjoni relatata mal-interess ġuridiku protett, assenti f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni [11], l-istess interpretazzjoni ġiet reċentement ikkonfermata fil-kawża Slovak Telecom [12].

6 Ara, partikolarment, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 338); tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72, punt 97); u tal-25 ta' Frar 2021, Slovak Telekom (C-857/19, EU:C:2021:139, punt 43).

7 Sentenza tat-13 ta' Frar 1969, Wilhelm *et* (14/68, EU:C:1969:4).

8 *Ibid*., punt 3.

9 Sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 338), u tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72, punt 97). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ottubru 2017, Marine Harvest vs Il-Kummissjoni (T-704/14, EU:T:2017:753, punt 308).

10 Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

11 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2011:552, punti 114 sa 122); tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie (C-617/17, EU:C:2018:976, punt 45); u tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Marine Harvest (C-10/18 P, EU:C:2019:795, punt 95, nota ta' qiegħ il-paġna 34).

12 Sentenza tal-25 ta' Frar 2021, Slovak Telekom (C-857/19, EU:C:2021:139, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37. Il-Qorti tal-Ġustizzja espressament illimitat it-teħid inkunsiderazzjoni ta' *idem* biss għall-identità tal-awtur tar-reat u tal-atti fil-ġurisprudenza relatata mal-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (iktar 'il quddiem iċ-"CISA")[13]. F'dak il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li l-uniku kriterju rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kundizzjoni ta' *idem* huwa "l-identità tal-fatti materjali, fis-sens tal-eżistenza ta' sett ta' fatti marbuta flimkien b'mod inseparabbli"[14]. Bl-istess mod, fil-ġurisprudenza dwar it-taħlita ta' proċeduri kriminali u amministrattivi, il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li "l-Artikolu 50 tal-Karta ma jipprekludix lil Stat Membru milli jimponi, għall-*istess fatti* ta' nuqqas ta' osservanza tal-obbligi dikjarattivi fil-qasam tal-VAT, assjem ta' sanzjonijiet fiskali u kriminali."[15]. Wara, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li "l-Artikolu 50 tal-Karta jipprekludi li jiġu imposti, għal *fatti identiċi*, diversi sanzjonijiet ta' natura kriminali wara proċeduri differenti mnedija għal dan l-għan"[16]. Billi qalbet l-analiżi iktar lejn il-kunċett ta' *bis*, il-Qorti tal-Ġustizzja ppermettiet li titmexxa 'l quddiem it-tieni proċedura fl-istess materja, bla ħsara għall-kundizzjonijiet tal-limitazzjoni ta' klawżola ta' drittijiet tal-Artikolu 52(1) tal-Karta[17].

38. Bħalissa, it-test Menci jidher li huwa ta' applikazzjoni ġenerali; għalhekk applikabbli għas-sitwazzjonijiet kollha skont l-Artikolu 50 tal-Karta. Dan jippermetti wkoll applikazzjoni parallela ta' regoli iktar speċifiċi, bħall-Artikolu 54 taċ-CISA jew l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew[18]. Madankollu, jidher li t-test awtomatiku llum huwa dak wiesa' ħafna tal-kunċett ta' *idem fattum* f'dak li għandu x'jaqsam mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta, flimkien ma' "skappatura" pjuttost ġeneruża fl-għamla tal-possibbiltà tal-limitazzjoni ta' drittijiet skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta.

39. Ma għandix l-intenzjoni li nirrepeti l-argumenti dwar għaliex inqis li tali metodu għandu l-problemi. Nista' sempliċement nirreferi għall-analiżi tiegħi fil-kawża bpost dwar dan[19]. Għalhekk nipproponi li test (unifikat) ta' *idem* għall-finijiet tal-Artikolu 50 tal-Karta għandu jkun ibbażat fuq identità bi tlieta: tal-awtur tar-reat, tal-fatti rilevanti u tal-interess ġuridiku protett[20].

40. Il-kjarifika ta' dan il-punt ta' tluq iġġegħelni neżamina f'iktar dettall żewġ elementi ta' dak it-test li huma l-qofol ta' dan il-każ, jiġifieri l-identità tal-interess ġuridiku protett (2) u l-identità tal-fatti (3).

[13] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9.

[14] Sentenzi tad-9 ta' Marzu 2006, van Esbroeck (C-436/04, EU:C:2006:165, punt 36); tat-28 ta' Settembru 2006, Gasparini *et* (C-467/04, EU:C:2006:610, punt 54); tat-28 ta' Settembru 2006, van Straaten (C-150/05, EU:C:2006:614, punt 48); tat-18 ta' Lulju 2007, Kraaijenbrink (C-367/05, EU:C:2007:444, punt 26); tas-16 ta' Novembru 2010, Mantello (C-261/09, EU:C:2010:683, punt 39); u tad-29 ta' April 2021, X (Mandat ta' arrest Ewropew – *Ne bis in idem)* (C-665/20 PPU, EU:C:2021:339, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata), b'din l-aħħar kawża kienet tirrigwarda sentenza mogħtija minn Stat terz.

[15] Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 34). Enfasi tiegħi.

[16] Sentenzi tal-20 ta' Marzu 2018, Menci (C-524/15, EU:C:2018:197, punt 35). Enfasi tiegħi. Madankollu, ara wkoll is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Garlsson Real Estate *et* (C-537/16, EU:C:2018:193, punt 27), fejn jerġa' jsir riferiment *għall-istess atti*.

[17] Jista' jiżdied li l-użu li jinbidel b'mod reċiproku tal-kunċetti ta' fatti (rilevanti) u att (rilevanti) setgħu wkoll ikkontribwixxew parzjalment għall-konfużjoni li qamet dwar it-tip u l-portata ta' identità meħtieġa. F'interpretazzjoni stretta u f'kuntesti speċifiċi, "att" jista' tabilħaqq ikun ekwivalenti għal "fatti". Madankollu, f'xi lingwi, u ċertament meta jkun diskuss b'mod astratt, il-kunċett ta' att (kriminali) huwa usa' mis-sempliċi elementi fattwali tiegħu. Jinvolvi mhux biss "x'seħħ", iżda wkoll l-evalwazzjoni u l-kwalifikazzjoni legali ta' xi jkun seħħ li, imbagħad, x'aktarx, ikun jinvolvi l-interess legali protett, għall-inqas indirettament billi jiddefinixxi l-effetti negattivi soċjali tal-aġir inkwistjoni.

[18] Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34).

[19] C-117/20, punti 101 sa 117.

[20] Bi gwida mill-prinċipji stabbiliti wkoll hemmhekk fil-punti 119 sa 122.

2. L-identità tal-interess ġuridiku protett

41. Sa fejn naf jiena, għalkemm il-kundizzjoni tal-interess ġuridiku protett fi kwistjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni ġiet ikkonfermata repetutament, din il-kundizzjoni qatt tassew ma tfissret [21], ħlief għad-dikjarazzjoni li "l-liġi nazzjonali tipproċedi abbażi tal-konsiderazzjonijiet pekuljari tagħha u tqis prattiċi restrittivi biss f'dak il-kuntest" [22].

42. Id-domanda speċifika jekk id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u dak nazzjonali jipproteġux l-istess interess ġuridiku saret lill-Qorti tal-Ġustizzja pjuttost reċentement fil-kawża Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie [23]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma sabitx li kien jeħtiġilha tindirizza din il-kwistjoni. Il-kawża prinċipali, għalkemm tirrigwarda l-applikazzjoni simultanja ta' regoli nazzjonali u tal-Unjoni tal-kompetizzjoni, kienet tinvolvi proċedura waħda biss quddiem l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat ruħha li tinnota li qabelxejn ma kien hemm ebda *bis*, mingħajr ma indirizzat l-*idem*.

43. Għall-kuntrarju, dan il-każ b'mod ċar jinvolvi żewġ settijiet ta' proċeduri li jikkonċernaw, għal dak li huwa rilevanti hawnhekk, l-istess awturi tar-reat [24]. Għalhekk, sakemm il-qorti tar-rinviju ma tikkonkludix, qabel ma tqis il-kwistjoni tal-interess ġuridiku protett, li ż-żewġ settijiet ta' proċeduri jikkonċernaw fatti differenti, id-domanda dwar l-interess ġuridiku protett hija b'mod ċar rilevanti.

44. Id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u dak nazzjonali jipproteġu l-istess interess ġuridiku? Jekk jitqiesu b'mod ġenerali, jekk wieħed iżomm amment tal-obbligu ta' kompetizzjoni ġusta u serena fis-suq intern, ċertament huma jagħmlu dan. Madankollu, ma naħsibx li l-analiżi tista' b'mod xieraq tieqaf hemm. Il-kwistjoni tal-interess ġuridiku protett għandha tkun eżaminata fir-rigward ta' dispożizzjoni speċifika. Hija għandha tikkonċentra fuq l-interess jew l-għan speċifiku mfittex mid-dispożizzjoni li tkun qiegħda tiġi applikata, fuq dak li d-dispożizzjoni tippenalizza u għaliex [25].

45. Minn naħa, jekk il-kwistjoni titqies b'mod astratt, ma hemmx dubju li, bħalissa, ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u dawk nazzjonali huma prattikament l-istess. Bla ħsara għar-raġunijiet storiċi li nebbħu d-dikjarazzjoni f'Wilhelm *et* dwar li d-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali tal-kompetizzjoni kienu differenti [26], huwa ċar li r-Regolament Nru 1/2003 ġab id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali tal-kompetizzjoni eqreb lejn xulxin. Il-ħtieġa għall-konverġenza u l-kooperazzjoni hija riflessa kemm mill-kontenut tal-leġiżlazzjoni kkonċernata kif ukoll mill-istituzzjonijiet li japplikaw din il-leġiżlazzjoni.

[21] Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet (direttament jew indirettament) għall-istqarrija magħmula fis-sentenza Wilhem *et* li d-drittijiet nazzjonali u tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni huma differenti, pereżempju, fis-sentenzi tal-10 ta' Lulju 1980, Giry u Guerlain *et* (253/78 u 1/79 sa 3/79, EU:C:1980:188, punt 15); tas-16 ta' Lulju 1992, Asociación Española de Banca Privada *et* (C-67/91, EU:C:1992:330, punt 11); tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner (C-7/97, EU:C:1998:569, punt 19); tad-9 ta' Settembru 2003, Milk Marque u National Farmers' Union (C-137/00, EU:C:2003:429, punt 61); tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punt 38); jew tal-1 ta' Ottubru 2009, Compañía Española de Comercialización de Aceite (C-505/07, EU:C:2009:591, punt 50).

[22] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 1980, Giry u Guerlain *et* (253/78 u 1/79 sa 3/79, EU:C:1980:188, punt 15); tad-9 ta' Settembru 2003, Milk Marque u National Farmers' Union (C-137/00, EU:C:2003:429, punt 61); jew tal-1 ta' Ottubru 2009, Compañía Española de Comercialización de Aceite (C-505/07, EU:C:2009:591, punt 50).

[23] Sentenza tat-3 ta' April 2019, Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie (C-617/17, EU:C:2019:283).

[24] Għalkemm mhux il-partijiet *kollha* huma identiċi fiż-żewġ settijiet ta' proċeduri nazzjonali, speċifikament fir-rigward ta' Nordzucker u Südzucker, l-identità tal-awtur(i) tar-reat(i) hija ċara.

[25] Dettaljatament fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża bpost, punti 136 sa 141, flimkien mal-punti 142 sa 151 li jagħtu iktar eżempji.

[26] Il-Qorti tal-Ġustizzja użat b'mod iktar preċiż il-fraži "id-dritt Komunitarju u nazzjonali dwar akkordji". Sentenza tat-13 ta' Frar 1969, Wilhelm *et* (14/68, EU:C:1969:4, punt 3).

46. Dwar dispożizzjonijiet sostantivi, ir-Regolament Nru 1/2003 b'mod ċar jagħti setgħat lin-NCAs japplikaw l-Artikoli 101 u 102 TFUE [27]. Huwa jistabbilixxi wkoll ir-regoli intiżi li tiġi żgurata konsistenza fl-applikazzjoni tagħhom. Dan espost, huma aktarx id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2003 b'rabta mal-istituzzjonijiet u l-proċeduri li jistabbilixxu sistema pjuttost elaborata tan-"Network Ewropew tal-Kompetizzjoni", li jqanqlu li jkun hemm parteċipazzjoni kemm mill-Kummissjoni kif ukoll min-NCAs, bil-għan li jwasslu għal uniformità fl-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE. Barra minn hekk, l-adozzjoni mil-leġiżlatura tal-Unjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1 [28] tindirizza differenzi li jidher li hemm fis-sistema attwali. Din id-Direttiva tagħti setgħa lin-NCAs sabiex isiru iktar effettivi fl-infurzar tal-Artikoli 101 u 102 TFUE fl-oqsma koperti bil-kapitoli individwali ta' dan l-istrument [29].

47. Minħabba din ir-reviżjoni sistemika, ikun bi tqila li jitqies li d-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali tal-kompetizzjoni ma mxewx eqreb xulxin minn meta l-Qorti tal-Ġustizzja ddiskutiet ir-relazzjoni tagħhom ma' xulxin fis-sentenza Wilhelm *et*. Ħsieb bħal dan jidher li huwa minnu, mhux biss meta titqies il-formulazzjoni eżatta li l-Qorti tal-Ġustizzja użat f'dik is-sentenza meta rreferiet għad-"dritt Komunitarja u nazzjonali dwar *akkordji*" [30], iżda wkoll meta jitqies ir-riferiment iktar ġenerali għal "prattiċi restrittivi" [31] fil-ġurisprudenza sussegwenti.

48. Min-naħa l-oħra, meta wieħed jikkonċentra fuq id-dispożizzjonijiet speċifiċi, ma jistax jingħad b'ċertezza sħiħa li ma hemmx iktar (jew pjuttost li ma jistax ikun hemm iktar) diverġenzi f'ċerti oqsma ta' regoli tal-kompetizzjoni [32]. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1/2003 ma jirregolax biss, kuntrarju għall-predeċessur tiegħu r-Regolament Nru 17, ir-relazzjoni bejn regoli tal-Unjoni u nazzjonali tal-kompetizzjoni, iżda wkoll b'mod speċifiku jirrikonoxxi li hemm okkażjonijiet li fihom, sostantivament, regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni jistgħu jkunu differenti minn dawk tal-Unjoni.

49. Dwar applikazzjoni nazzjonali tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1/2003 isegwi li l-Istati Membri ma jistgħux jissuġġettaw ftehimiet, deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiċi miftiehma għal regoli iktar stretti minn dawk li jeżistu fil-livell tal-Unjoni. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu hekk għall-*aġir unilaterali* ta' impriżi. Hemm, għalhekk, differenza rigward l-ispazju permissibbli għal regoli speċifiċi nazzjonali skont jekk l-aġir inkwistjoni jkunx skont l-Artikolu 101 jew l-Artikolu 102 TFUE.

50. Barra minn dan, l-Artikolu 3(3) tar-Regolament Nru 1/2003 jaqta' spazju anki ikbar għad-differenzjazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' liġijiet nazzjonali dwar konċentrazzjonijiet, u jirriżerva l-possibbiltà għal applikazzjoni kontinwa ta' regoli ta' liġi nazzjonali li b'mod predominanti jsegwu għan li huwa differenti minn dak segwit mill-Artikoli 101 u 102 TFUE. Din

[27] Li kien diġà, parzjalment, il-każ skont ir-Regolament Nru 17 dwar l-Artikoli 85 u 86 KE – ir-Regolament tal-Kunsill KEE Nru 17: L-Ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8. Vol. 1, p. 3).

[28] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern (ĠU 2019, L 11, p. 3).

[29] Kif jindikaw it-titoli tal-kapitoli rispettivi tad-Direttiva 2019/1, dawn l-oqsma jirrigwardaw l-indipendenza u r-riżorsi tan-NCAs, setgħat għall-eżerċizzju tax-xogħlijiet tagħhom, iffissar ta' multi, programmi ta' klemenza, għajnuna reċiproka u perijodi ta' limitazzjoni.

[30] Sentenza tat-13 ta' Frar 1969, Wilhelm *et* (14/68, EU:C:1969:4, punt 3). Enfasi tiegħi.

[31] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 1980, Giry u Guerlain *et* (253/78 u 1/79 sa 3/79, EU:C:1980:188, punt 15).

[32] Fix-xogħol leġiżlattiv li wassal għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni nnotat li ħafna (dak iż-żmien kienu ħmistax) Stati Membri kienu implimentaw liġijiet nazzjonali dwar il-kompetizzjoni li kienu jirriflettu l-kontenut tal-Artikoli 81 u 82 KE. Fl-istess waqt, hija ammettiet li ma kienx hemm armonizzazzjoni formali, u kien għad hemm differenzi kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika. Ara l-punt 1 (A), "Il-Kuntest", it-tielet paragrafu, u l-punt 2 (C)(2)(a), it-tieni paragrafu, tal-memorandum ta' spjegazzjoni għall-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 2988/74, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 ("Regolament li jimplimenta l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat"), COM/2000/0582 final (ĠU 2000, C 365E, p. 284).

l-aħħar possibbiltà tirriżulta mill-premessa 9 tar-Regolament Nru 1/2003 li tgħid, *inter alia*, li "l-Istati Membri jistgħu […] jimplimentaw fuq it-territorju tagħhom leġiżlazzjoni li tipprojbixxi jew timponi sanzjonijiet fuq atti fejn hemm prattiċi ta' kummerċ inġusti kemm jekk ikunu unilatterali u sew jekk ikunu appalti [kuntrattwali]."

51. F'termini strutturali, għalhekk, ir-relazzjoni normattiva bejn regoli tal-Unjoni u nazzjonali koperti bl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1/2003 tipprevedi mill-inqas erba' xenarji distinti. *L-ewwel*, hemm sovrappożizzjoni sostantiva sħiħa għal sitwazzjonijiet skont l-Artikolu 101 TFUE, li fihom, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw regoli iktar stretti. *It-tieni*, hemm sovrappożizzjoni sostantiva pjuttost kbira iżda mhux sħiħa għal sitwazzjonijiet skont l-Artikolu 102 TFUE, li fihom l-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli iktar stretti[33]. *It-tielet*, hemm armonizzazzjoni parzjali ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet. *Ir-raba'*, u forsi l-iktar importanti, hemm spazju normattiv distint riżervat għall-Istati Membri f'dak li jirrigwarda r-regoli nazzjonali tagħhom li jsegwu għanijiet differenti minn dawk tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, fosthom ir-regolamentazzjoni nazzjonali ta' prattiċi kummerċjali żleali, li jissemma bħala eżempju.

52. Għalhekk, l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1/2003 jirrikonoxxi l-fatt li d-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali tal-kompetizzjoni ma humiex identiċi, għall-inqas mhux fl-aspetti kollha tagħhom[34]. Madankollu, din id-differenza potenzjali hija waħda relatata mal-kwalità normattiva tal-interess (jew l-għan) segwit. Ma tistax sempliċement tkun f'kamp ta' applikazzjoni ġeografiku differenti.

53. Fi kliem ieħor, ma naħsibx li s-sempliċi differenza (kwantitattiva) fl-ambitu territorjali tal-istess ksur u, għalhekk, tar-regola partikolari, turi, minnha nnifisha, differenza (kwalitattiva) fl-interess ġuridiku[35]. Filwaqt li d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jkopri sitwazzjonijiet li fihom jiġi affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri, dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni japplika għal sitwazzjonijiet interni. Fil-fehma tiegħi, din id-differenza tindika l-portata territorjali tal-ksur, aktarx flimkien mal-gravità tad-disturb tal-interess ġuridiku protett, iżda ma tindikax bilfors il-kwalità differenti ta' dak l-interess ġuridiku protett[36].

54. Fi kliem sempliċi, akkordju dwar prezzijiet, konkluż u mwettaq fir-Repubblika Ċeka, aktarx jolqot b'mod kwalitattiv l-istess interess ġuridiku protett, irrispettivament minn jekk fl-aħħar nett, u minħabba li l-kummerċ bejn l-Istati Membri jkunu qiegħed jiġi affettwat, tkun biss id-dispożizzjoni nazzjonali li tkun tirrifletti l-Artikolu 101 TFUE[37] li tkun applikata f'dak ir-rigward, jew l-Artikolu 101 TFUE flimkien ma' dik id-dispożizzjoni nazzjonali, jew possibbilment biss l-Artikolu 101 TFUE waħdu.

[33] Dwar it-terminu "liġijiet nazzjonali aktar stretti" tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1/2003, ara, pereżempju, Feteira, L. T., "The Interplay Between European and National Competition Law after Regulation 1/2003: United (Should) We Stand?", *Wolters Kluwer Law International*, 2015, p. 62 sa 67.

[34] Li probabbli kien għaliex l-Avukata Ġenerali Kokott osservat, fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Toshiba Corporation *et*, li, essenzjalment, id-dikjarazzjoni inizjali fis-sentenza Walt Wilhem għadha valida (C-17/10, EU:C:2011:552, punt 81).

[35] Ara wkoll Nazzini, R., "Parallel Proceedings in EU Competition Law: Ne Bis In Idem as a Limiting Principle" f'van Bockel, B. (editur), *Ne Bis in Idem in EU Law*, Cambridge University Press, Cambridge, 2016, p. 159.

[36] L-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer qies li "t-test tal-portata territorjali l-aġir illegali ma huwiex wieħed sostantiv, imma deskrittiv, minħabba li ma jaffettwax in-natura tal-ksur, iżda biss il-qawwa tiegħu." Ma qabilx mal-approċċ adottat fis-sentenza Wilhelm *et* billi qal li "r-regoli li jiggarantixxu l-kompetizzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea ma jippermettux li ssir distinzjoni bejn oqsma separati, il-qasam Komunitarju u l-oqsma nazzjonali, bħallikieku kienu kompartimenti ssiġillati. Iż-żewġ setturi jirrigwardaw is-superviżjoni tal-kompetizzjoni ħielsa u miftuħa fis-suq komuni, wieħed li jqisha kollha kemm hi, u l-ieħor mill-komponenti separati tagħha, iżda l-qofol huwa l-istess." Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Aalborg Portland *et* (C-217/00 P, EU:C:2003:83, punti 176, 173 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 121), u fil-kawża Aalborg Portland *et* (C-213/00 P, EU:C:2003:84, punti 94, 91 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 71).

[37] Bħalissa § 3 zákon č. 143/2001 Sb., o ochraně hospodářské soutěže (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni), kif emendata.

55. Tabilħaqq, din l-istampa mżewqa hija rregolata mir-regola ġenerali li skontha regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni japplikaw biss meta l-liġi tal-Unjoni ma tipprevedi ebda regoli speċifika [38]. Madankollu, sakemm iż-żewġ settijiet ta' regoli tabilħaqq ikunu sovrapposti jew, f'kull każ, malli jibdew jippenalizzaw l-istess sett ta' fatti, jekk l-interess ġuridiku protett ikunx l-istess fil-livell kemm tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali għandu jiġi ddeterminat *in concreto* fir-rigward tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jkunu applikati għall-istess każ fiż-żewġ livelli.

56. Bl-applikazzjoni ta' dan l-approċċ għal dan il-każ, mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1/2003 isegwi li meta NCA (jew qorti nazzjonali) tapplika l-liġi nazzjonali tagħha għal aġir li, skont it-tifsira tal-Artikolu 101 TFUE, jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, hija għandha tapplika wkoll l-Artikolu 101 TFUE. Fi kliem ieħor, jekk l-aġir partikolari jkun kopert *ukoll* mill-Artikolu 101 TFUE, in-NCAs jew il-qrati għandhom *ukoll* japplikaw din id-dispożizzjoni [39].

57. Imbagħad, kif huwa ċar mill-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003, ir-riżultat tal-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali għal sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 101 TFUE *ma jistax ikun differenti* mir-riżultat miksub li kieku l-Artikolu 101 TFUE kellu jkun applikat waħdu. Bla ħsara għad-domanda ta' xi jkun imbagħad il-valur miżjud fl-applikazzjoni parallela tad-dritt tal-kompetizzjoni nazzjonali f'sitwazzjoni bħal din [40], huwa diffiċli, f'kull każ, li jiġi immaġinat kif l-għanijiet rispettivi tar-regola nazzjonali inkwistjoni u l-Artikolu 101 TFUE jistgħu jkunu differenti. Barra minn hekk, meta żewġ awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni mbagħad japplikaw l-istess dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 101 TFUE, li minnha huma ma jistgħux jiddevjaw fil-livell nazzjonali, allura ċertament l-interess ġuridiku speċifiku protett segwit miż-żewġ NCAs għandu wkoll ikun identiku.

58. Fil-qosor, ir-risposta għat-tieni domanda magħmula għandha tkun li l-kwistjoni ta' jekk id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u d-dritt tal-kompetizzjoni nazzjonali jipproteġux l-istess interess ġuridiku għandha tiġi stabbilita billi jiġu eżaminati r-regoli speċifiċi applikati. Dan jinvolvi l-evalwazzjoni ta' jekk ir-regoli nazzjonali inkwistjoni jmorrux lil hinn mir-regoli tal-Unjoni. Meta l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' żewġ Stati Membri japplikaw l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjoni korrispondenti tal-liġi tal-kompetizzjoni nazzjonali, allura huma jkunu qegħdin jipproteġu l-istess interess ġuridiku.

3. L-identità tal-fatti rilevanti: żmien u spazju

59. Issa ser ngħaddi għat-tielet domanda. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk huwiex rilevanti li l-BKA qieset l-effetti tal-akkordju inkwistjoni fl-Istat Membru l-ieħor, għalhekk, kif nifhimha jien, fis-suq Awstrijak.

60. Ir-risposta għad-domanda għandha tkun fl-affermattiv.

[38] Ara, dwar dan, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2011, Tele2 Polska (C-375/09, EU:C:2011:270, punt 33). Ara wkoll is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2014, Kone *et* (C-557/12, EU:C:2014:1317, punt 32), u tas-7 ta' Diċembru 2010, VEBIC (C-439/08, EU:C:2010:739, punti 56 u 57), li jgħidu, rispettivament, li liġi nazzjonali għandha tiżgura "l-effettività sħiħa tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni" u ma għandhiex tippreġudika l-applikazzjoni effettiva ta' dik il-liġi min-NCAs, li huwa l-għan tar-Regolament Nru 1/2003.

[39] Dwar dan il-premessa 3 tad-Direttiva (EU) 2019/1 tgħid li "[f]il-prattika l-biċċa l-kbira tan-NCAs japplikaw il-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni flimkien mal-Artikoli 101 u 102 TFUE".

[40] Li għandi nammetti, għadha xi ftit taħrabli. Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni għar-Regolament Nru 1/2003 kellha regola xi ftit iktar loġika fl-abbozz tal-Artikolu 3, li kienet tgħid: "Meta ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma skont it-tifsira tal-Artikolu 81 tat-Trattat jew l-abbuż minn pożizzjoni dominanti skont it-tifsira tal-Artikolu 82 ikunu jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, *għandu japplika d-dritt tal-kompetizzjoni Komunitarju bl-esklużjoni tal-liġijiet nazzjonali dwar il-kompetizzjoni*." Enfasi tiegħi. Ara l-proposta għar-Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 2988/74, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 ("Regolament li jimplimenta l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat"), COM/2000/0582 final (ĠU 2000, C 365E, p. 284).

61. Kif l-Avukata Ġenerali Kokott qalet fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Toshiba, "Hemm il-projbizzjoni u prosekuzzjoni tal-akkordji minħabba l-effetti ħżiena li għandhom fuq il-kompetizzjoni jew, minn tal-inqas, għaliex jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni"[41]. Hija osservat ukoll li "jekk l-impriżi adottawx aġir li għandu l-għan jew l-effett ta' projbizzjoni, restrizzjoni jew tfixkil tal-kompetizzjoni ma jistax jiġi evalwat b'mod astratt, iżda dejjem fid-dawl ta' ċertu perijodu u ċertu territorju"[42].

62. Fi kliem ieħor, sabiex jiġi ddeterminat jekk it-tieni sett ta' proċeduri huwiex preklużmill-prinċipju *ne bis in idem*, li jimporta hija d-definizzjoni ta' żmien u spazju li magħhom hija relatata r-restrizzjoni inkwistjoni. Fil-kawża Toshiba l-Qorti tal-Ġustizzja qablet mal-Avukat Ġenerali dwar dan u saħqet li l-aġir ta' impriżi "li kellu bħala suġġett [għan] jew effett li jipprekludi, li jillimita jew li jfixkel il-kompetizzjoni ma [jistax jiġi eżaminat] b'mod astratt, iżda [għandu jiġi eżaminat] fid-dawl tat-*territorju* […], li fih l-aġir ikkonċernat kellu tali suġġett [għan] jew tali effett u tal-perijodu li matul tiegħu l-aġir ikkonċernat kellu tali suġġett [għan] jew tali effett"[43]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja kemm it-territorju u ż-żmien huma elementi rilevanti li jsawru l-identità tal-*fatti*[44].

63. Fit-taqsimiet li ġejjin ta' dawn il-konklużjonijiet ser nindirizza fil-qosor, abbażi ta' dan, l-identità ta' żmien u spazju fil-kawża prinċipali. L-ewwel, skont l-informazzjoni fil-proċess tal-kawża, ma nistax ħlief noffri biss ipoteżi dwar jekk il-BKA qisitx ukoll l-effetti tal-aġir ipprojbit fir-rigward tas-suq Awstrijak (a). It-tieni, ser ngħaddi għall-kwistjoni li tista' tkun indirizzata l-aħjar mill-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri jekk tali ssanzjonar ekstraterritorjali tal-effetti ta' ċertu aġir li mid-dehra seħħ fi Stat Membru ieħor setgħax ikun effettivament legalment possibbli (b).

a) It-territorju effettivament meħud inkunsiderazzjoni mill-BKA

64. Id-digriet tar-rinviju jgħid li d-deċiżjoni tal-BKA tirriproduċi l-kontenut tal-konverżazzjoni telefonika tat-22 ta' Frar 2006 dwar l-Awstrija. Fl-istess waqt, fl-appell pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, il-BWB tistrieħ ukoll fuq l-istess konverżazzjoni telefonika.

65. Huwa għalkollox possibbli li konverżazzjoni telefonika waħda tista' tkun tikkonċerna diversi swieq ġeografiċi. Dwar dan, madankollu, hemm nuqqas ta' ċarezza dwar jekk il-BKA attwalment qisitx l-effetti tal-akkordju dwar tqassim tas-suq inkwistjoni fuq is-suq Awstrijak u dwar xi tfisser attwalment "jittieħed qies ta' effetti" f'dan il-każ.

66. Sabiex tiskatta l-protezzjoni mogħtija mill-prinċipju *ne bis in idem* ma huwiex biżżejjed li ċertu aġir jew sett ta' fatti jissemmew u jingħiebu xi mkien f'deċiżjoni. L-element fattwali identiku għandu jinstab li jkun legalment rilevanti, bl-effetti tiegħu kkwalifikati u evalwati bħala tali. Dwar dan il-każ, tali elementi fattwali b'rabta mal-konverżazzjoni telefonika inkwistjoni kienu inklużi fl-istqarrija dwar ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni magħmula mill-BKA? Mid-deċiżjoni tal-BKA

[41] Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2011:552, punt 128).

[42] *Ibid*., punt 129.

[43] Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72, punt 99). Enfasi tiegħi.

[44] *Ibid*., punt 98. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2011:552, punt 130).

isegwi li din in-NCA ħadet azzjoni kontra u ssanzjonat lill-impriżi rispettivi wkoll b'rabta mas-suq Awstrijak? Jew, il-BKA qieset l-imsemmija konverżazzjoni bħala prova ta' ksur li jikkonċerna s-suq Ġermaniż [45]?

67. Nassumi li deċiżjoni ta' NCA għandu jkollha informazzjoni ta' dan it-tip, kemm jekk din kienet inizjalment dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti meqjus, jew b'mod iktar importanti, dwar dak li kien instab dwar fejn u meta, fil-fehma tagħha, kien twettaq il-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

68. Sta għall-qorti tar-rinviju li teżamina u tiddetermina r-risposta għal dawn id-domandi, jekk ikun hemm ħtieġa, bil-kooperazzjoni tal-BKA, sabiex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-azzjoni ta' din in-NCA. Din il-kooperazzjoni tista' sseħħ jew indirettament, bl-assistenza tal-BWB [46] jew direttament [47].

69. Fl-aħħar, kif qalet il-qorti tar-rinviju fid-digriet tar-rinviju tagħha, u kif innotaw xi whud mill-partijiet interessati, meta ħadmet l-ammont totali tal-multa l-BKA qieset il-fatturat tal-impriżi konċernati biss fi ħdan it-territorju Ġermaniż biss. Tabilħaqq, fis-sentenza Toshiba l-Qorti tal-Ġustizzja qalet, f'kuntest simili għal dak tal-kalkolu tal-multi mill-Kummissjoni, li tali fattur jista' jkun rilevanti [48].

70. Madankollu, filwaqt li tali fattur jista' tabilħaqq ikun indikatur indirett siewi, fih innifsu bilkemm jista' jitqies konklużiv. L-ewwel, jeħtieġlu ċertu ammont ta' raġunament b'lura. Madankollu, il-kawżalità bil-maqlub tista' mhux dejjem taħdem: il-fatt li awtorità tkun ħadmet il-multa b'mod wieħed speċifiku pjuttost milli b'ieħor jista' jkun minħabba raġunijiet li ma jkunux relatati mal-kamp ta' applikazzjoni intiż tad-deċiżjoni. It-tieni, hemm s'issa ftit konverġenza fil-mod kif jipprattikaw in-NCAs fir-rigward ta' kif jinħadmu multi [49]. Madankollu, din il-prattika ma hijiex armonizzata għalkollox u x'aktarx tkun iddeterminata parzjalment minn liġijiet u prattiċi nazzjonali diverġenti.

71. Fil-qosor, il-kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku (u potenzjalment dak *ratione temporis*) tad-deċiżjoni tal-BKA hija kwistjoni ta' fatt li hija tal-kompetenza tal-qorti nazzjonali. Madankollu, id-domanda li għandha tiġi indirizzata fi stadju iktar kmieni, li hija domanda iktar adatta li l-Qorti tal-Ġustizzja tinstab f'pożizzjoni aħjar li tevalwa, hija dik ta' jekk NCA għandhiex is-setgħa legali li tissanzjona effetti ekstraterritorjali ta' ksur partikolari.

[45] Mill-fatti tal-każ, kif deskritti mill-qorti tar-rinviju (ara iktar 'il fuq, il-punt 11), huwa ugwalment konċepibbli li l-konverżazzjoni telefonika dwar is-suq Awstrijak setgħet "tqieset" bħala prova ċirkostanzjali tar-restrizzjoni illegali tal-kompetizzjoni li kienet tirrigwarda s-suq Ġermaniż fil-perijodu rilevanti (kieku ma twaqqfitx l-importazzjoni mis-Slovakkja seta' kien hemm riperkussjonijiet għas-suq Ġermaniż).

[46] Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1/2003, NCA ċertament hija intitolata titlob id-deċiżjoni finali ta' NCA oħra, inklużi dawk is-siltiet li jkunu kunfidenzjali.

[47] Tabilħaqq ma hemm ebda dispożizzjoni speċifika fir-Regolament Nru 1/2003 li tagħti lil qorti nazzjonali s-setgħa li titlob kopja ta' deċiżjoni finali ta' NCA mingħand Stat Membru ieħor. Madankollu, insib li jkun għalkollox ġustifikabbli li qorti nazzjonali tkun intitolata titlob tali deċiżjoni finali, jew skont l-Artikolu 12(1) jew skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1/2003 applikati b'analoġija, jew billi tistrieħ direttament fuq l-Artikolu 4(3) TEU.

[48] Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72, punt 101).

[49] Għadd ta' NCAs fil-fatt diġà segwew il-gwida tal-Kummissjoni dwar dan fl-imgħoddi. Barra minn dan, id-Direttiva 2019/1, li madankollu, ma tapplikax *ratione temporis* għall-kawża prinċipali, tarmonizza xi aspetti tal-impożizzjoni ta' multi fil-Kapitolu V tagħha.

b) It-territorju li jista' legalment jittieħed inkunsiderazzjoni minn NCA

72. Irrispettivament minn x'għamlet fil-fatt il-BKA, setgħat hija, bħala kwistjoni ta' dritt, tosserva u anki tissanzjona l-ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni fis-suq Awstrijak? F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tal-partijiet f'dawn il-proċeduri hija differenti.

73. Agrana tgħid li d-deċiżjonijiet ta' NCA li japplikaw l-Artikolu 101 TFUE ma jistgħux ikunu limitati għall-effetti fuq it-territorju nazzjonali. Meta NCAs japplikaw l-Artikolu 101 TFUE, huma għandhom janalizzaw l-aspetti kollha tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni inkwistjoni fuq is-suq intern.

74. Għall-kuntrarju, il-BWB tissottometti li l-prinċipju ta' territorjalità jillimita s-setgħa ta' NCA li timponi sanzjonijiet għat-territorju nazzjonali. Dan ukoll huwa dak li għamlet il-BWB, billi bbażat il-kalkolu tal-multa li kellha tkun imposta fuq Südzucker fuq il-fatturat fis-suq Awstrijak. Il-prinċipju ta' territorjalità, għalhekk, jeskludi l-possibbiltà ta' ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-aġir issanzjonat dejjem ikun differenti. Il-Gvern Ġermaniż, min-naħa tiegħu, huwa tal-istess fehma. NCA tista' tikkastiga ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni biss fir-rigward tat-territorju tagħha stess, rifless mill-multa li tkun ikkalkolata abbażi tal-fatturat tal-impriża fl-Istat Membru inkwistjoni.

75. Il-Gvern Belġjan iqis li meta NCA tapplika l-Artikolu 101 TFUE hija għandha tipproċedi bħalma tagħmel il-Kummissjoni, jiġifieri, billi tqis l-effetti kollha tar-restrizzjoni inkwistjoni fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern. Dan għandu, madankollu, żewġ limitazzjonijiet. L-ewwel, id-dritt kostituzzjonali u t-tradizzjonijiet tal-Istat Membri jistgħu jipprojbixxu NCA milli tissanzjona effetti ekstraterritorjali. It-tieni, f'kull każ, huwa biss permezz ta' ftehim man-NCA fit-territorju inkwistjoni li huwa possibbli li jiġu ssanzjonati effetti ekstraterritorjali.

76. Bħala punt ta' tluq, infakkar li tressiq ta' azzjoni u l-ikkastigar tradizzjonalment kienu rregolati mill-prinċipju ta' territorjalità. Ċertament huwa possibbli li Stat jista' jipprova "jilħaq lil hinn mill-fruntieri tiegħu" u jipprova jikkastiga aġir li jkun seħħ banda oħra. Dan jista' jseħħ f'sitwazzjonijiet irregolati b'ġurisdizzjoni speċjali, kemm jekk ikunu dwar ċerti tipi ta' persuni (jiġifieri, iċ-ċittadini tiegħu stess) jew dwar ċerti tipi ta' offiżi (jiġifieri, jew dawk li jattakkaw l-interessi ta' dak l-Istat, irrispettivament minn fejn ikunu twettqu, jew dwar ċerti tipi ta' reati atroċi suġġetti għal ġurisdizzjoni universali, u l-bqija).

77. Madankollu, dak li huwa importanti għal dawn il-każijiet kollha ta' ekstraterritorjalità effettiva huwa li dawn jeħtieġu *bażi legali espliċita*, tkunx nazzjonali, internazzjonali jew tad-dritt tal-Unjoni. Eżempju notevoli u iktar reċenti ta' tali għoti ta' setgħat ekstraterritorjali fid-dritt tal-Unjoni hija l-kompetenza tal-awtorità superviżorja ewlenija skont il-punt uniku ta' servizz tar-Regolament (UE) 2016/679 (il-"GDPR") sabiex tinvestiga, u jekk ikun meħtieġ, tissanzjona l-ipproċessar transkonfinali kollu kemm hu mwettaq minn kontrollur jew persuna li tipproċessa d-data fi ħdan l-Unjoni[50]. Għalkemm ikun esaġerat li jiġi sostnut li l-limiti eżatti ta' kompetenza fi ħdan din is-sistema ma humiex kontenzjużi[51], għad ma baqax dubju li, kemm il-provvista sostantiva skont il-legalità ta' pproċessar ta' data, kif ukoll klawżola ta' kompetenza espressa li tagħti setgħa lil awtorità superviżorja partikolari sabiex tipproċedi b'mod ekstraterritorjali meta tapplika dawk ir-regoli sostantivi, jeżistu.

[50] L-Artikolu 56(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016 L 119, p. 1).

[51] Kif intwera reċentement bis-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2021, Facebook Ireland *et* (C-645/19, EU:C:2021:483).

78. Liema pożizzjoni kunċettwali hija adottata mir-Regolament Nru 1/2003 dwar dan? Ikolli nammetti li ma huwiex daqstant faċli li ninkapsulaha.

79. Minn naħa, hemm indikazzjonijiet ċari li kien ġie kkontemplat kamp ta' applikazzjoni transkonfinali. L-ewwel, li l-waqt li fih jiskatta l-obbligu ta' awtoritajiet nazzjonali li japplikaw l-Artikoli 101 u 102 TFUE huwa meta jkun jista' jiġi affettwat *il-kummerċ bejn l-Istati Membri*. Jidher ukoll li dan jista' jiskatta wkoll l-kapaċità inerenti ta' NCA li tressaq azzjoni u tissanzjona l-effetti ekstraterritorjali ta' ksur partikolari.

80. It-tieni, l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1/2003 jidher li jikkonferma l-istess punt. L-ewwel paragrafu ta' dik id-dispożizzjoni jgħid li NCA tista' tissospendi proċeduri jew tiċħad lment jekk *l-istess* ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni jew prattika tkunu qiegħda tiġi *ttrattata* minn awtorità oħra [52]. Bl-istess mod, it-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni jgħid li NCA tista' tiċħad lment jekk hija tkun irċeviet lment kontra ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni jew prattika li jkunu diġà ġew *ittrattati* minn awtorità tal-kompetizzjoni oħra [53].

81. It-tielet, l-interpretazzjoni li azzjoni minn NCA jista' jkollha kamp ta' applikazzjoni ekstraterritorjali donnha hija kkonfermat fl-Avviż dwar Kooperazzjoni tal-Kummissjoni. Dan l-avviż jispeċifika, fir-rigward tal-Artikolu 13, li l-frażi "qed tieħu ħsieb tal-każ" li tinsab f'dik id-dispożizzjoni "ma tfissirx biss li jkun ġie ppreżentat lment għand awtorità oħra. Tfisser li l-awtorità l-oħra tkun qiegħda tinvestiga jew tkun stħarrġet il-każ f'isimha stess" [54]. Dan l-avviż jgħid ukoll li l-Artikolu 13 "jista' japplika meta l-ftehim jew prattika jkunu jinvolvu l-istess ksur fl-istess swieq ġeografiċi jew ta' prodotti rilevanti" [55].

82. Barra minn hekk, l-istess avviż jagħti dettalji dwar il-kunċett ta' "awtorità lokalizzata sewwa", li jidher fl-Avviż dwar Kooperazzjoni, fir-rigward ta' ksur partikolari tad-dritt tal-kompetizzjoni [56]. Jekk il-kompetenza ta' NCA tkun, fis-sitwazzjonijiet kollha, limitata għat-territorju nazzjonali, allura l-kunċett ta' awtorità lokalizzata sewwa ma tantx jagħmel sens sakemm wieħed ma jaċċettax li xi partijiet ta' ksur jistgħu jibqgħu mhux issanzjonati minħabba l-limiti territorjali tal-kompetenza ta' tali "awtorità lokalizzata sewwa". Għall-kuntrarju, jekk ikun aċċettat li l-protezzjoni effettiva tal-kompetizzjoni fis-suq intern jista' tista' teħtieġ li aġir antikompetittiv speċifiku jiġi mistħarreġ biss minn NCA waħda lokalizzata sewwa, allura tabilħaqq tali NCA għandha tkun tista' tinvestiga dan l-aġir kollu sabiex ebda parti ma titħalla mhux issanzjonata.

83. Hu x'inhu, l-Avviż dwar Kooperazzjoni bilkemm jikkostitwixxi att vinkolanti legalment tad-dritt tal-Unjoni u, probabbli, it-tifsira tal-possibbiltà ta' ilment jiġi "sospiż jew miċħud" skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1/2003 ma hijiex għalkollox ċara. Madankollu, dak li l-Artikolu 13 jimplika, jekk jitqies kollu kemm hu, huwa li jista' jkun hemm sovrappożizzjoni territorjali. Li kieku s-setgħat ta' kull waħda min-NCAs jkunu limitati strettament għat-territorju nazzjonali, xi jkun l-użu ta' sospensjoni jew ta' ċaħda ta' lment fir-rigward ta' proċeduri pendenti

[52] Enfasi tiegħi. Għalkemm din id-dispożizzjoni tgħid li "[…] il-fatt li awtorità waħda qed tieħu ħsieb tal-każ ikun ta' bażi suffiċjenti għal oħrajn biex jissuspendu l-proċeduri qabelhom [quddiemhom] jew jirriġetta ilment", l-Avviż dwar kooperazzjoni jgħid li NCA ma għandha l-ebda obbligu li tissospendi l-proċeduri jew tiċħad l-ilment. Dan minħabba li l-kooperazzjoni skont ir-Regolament Nru 1/2003 hija rregolata minn flessibbiltà. Avviż tal-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fin-Network tal-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni (ĠU 2004, C 101, p. 43, punt 22) (iktar 'il quddiem l-"Avviż dwar Kooperazzjoni").

[53] Enfasi tiegħi.

[54] *Ibid*., punt 20.

[55] *Ibid*., punt 21.

[56] NCA tista' titqies bħala tali meta, l-ewwel, il-ftehim jew il-prattika jkollhom effetti diretti, attwali jew prevedibbli kunsiderevoli fuq il-kompetizzjoni fit-territorju tagħha, ikunu implimentati fit-territorju tagħha jew joriġinaw minnu; it-tieni l-awtorità tkun tista' b'mod effettiv ittemm il-ksur kollu kemm hu; u, it-tielet, hija tkun tista' tiġbor, aktarx bl-għajnuna ta' awtoritajiet oħra, l-evidenza meħtieġa bħala prova tal-ksur. *Ibid*., punt 8.

quddiem NCA oħra li tkun qiegħda tittratta l-istess aġir? Ċertament, hemm għadd ta' kwistjonijiet differenti iżda relatati li fil-kuntest tagħhom sospensjoni tista' tkun raġonevoli, iżda "ċaħda" tidher li tkun tagħmel sens biss meta ż-żewġ NCAs ikunu ġew ippreżentati bl-istess suġġett, inkluż l-istess kamp ta' applikazzjoni ġeografiku.

84. Min-naħa l-oħra, ikun ġust li jiġi ammess li dawn huma kollha sempliċi "ħjiel indiretti" essenzjali li l-ekstraterritorjalità kienet maħsuba fit-tfassil tar-Regolament Nru 1/2003. Madankollu, lil hinn minn dan, naqbel mal-Gvern Ġermaniż li dispożizzjoni ewlenija li fil-fatt tattribwixxi b'mod ċar kompetenza lil proċeduri ta' NCA b'mod ekstraterritorjali hija nieqsa mir-Regolament Nru 1/2003. Kif innota b'mod rilevanti l-imsemmi Gvern, l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1/2003, bit-titolu "Il-poteri tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri", fejn normalment wieħed kien jistenna li jsib klawżola simili ta' għoti ta' setgħat, huwa għalkollox sieket dwar din il-ħaġa. Għalhekk huwa ma jikkostitwixxix bażi legali suffiċjenti għal NCA sabiex din tadotta deċiżjoni ekstraterritorjali meta hija ma hijiex mogħtija tali bażi fid-dritt nazzjonali. Il-Gvern Belġjan ukoll jargumenta f'dan is-sens.

85. Naqbel ma' dawn il-gvernijiet li, sabiex is-setgħat ta' NCA ikunu eżerċitati b'mod ekstraterritorjali, għandu jkun hemm bażi legali adegwata li, skont kif jinsab illum id-dritt tal-Unjoni, tista' tiġi biss mis-sistema legali nazzjonali. Wieħed jista' fil-qosor iżid li, fis-seduta, il-Gvern Ġermaniż qal li ma setgħet tinstab l-ebda tali bażi legali lanqas fid-dritt Ġermaniż.

86. Irrid nisħaq li tali propożizzjoni qiegħed nagħmilha b'rispett sħiħ għall-formulazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, li tabilħaqq jelenka, bħala waħda mill-kundizzjonijiet tiegħu għal applikazzjoni, li jkun jista' jiġi affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, insib li huwa impossibbli tinterpreta l-Artikolu 101 TFUE, li hija, essenzjalment, dispożizzjoni sostantiva, bħala li tammonta wkoll għal klawżola ta' għoti ta' setgħat, billi kull NCA tingħata s-setgħa tressaq azzjoni u tissanzjona kull aġir antikompetittiv kullimkien fl-Unjoni[57].

87. Għalhekk, ir-risposta li nissuġġerixxi għat-tielet domanda hija li l-fatt li NCA qieset effetti ekstraterritorjali ta' aġir antikompetittiv partikolari f'deċiżjoni preċedenti, sakemm hija kienet kompetenti tagħmel hekk skont id-dritt nazzjonali, huwa rilevanti għall-eżami tal-applikabbiltà tal-prinċipju *ne bis in idem* fil-proċeduri sussegwenti. L-Artikolu 50 tal-Karta ma jippermettix li NCA jew qorti jissanzjonaw aġir antikompetittiv li kien diġà is-suġġett ta' proċeduri preċedenti konklużi b'deċiżjoni finali adottata minn NCA oħra. Din il-projbizzjoni tapplika, madankollu, biss sakemm il-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* u ġeografiku tas-suġġett taż-żewġ proċeduri jkun l-istess.

C. Il-prinċipju ne bis in idem fi proċeduri li involvew l-applikazzjoni ta' programm ta' klemenza

88. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-prinċipju *ne bis in idem* japplikax fi proċeduri li involvew l-applikazzjoni ta' programm ta' klemenza u li fihom, għal din ir-raġuni, ma tkunx imposta multa.

89. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fl-affermattiv.

[57] Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, retrospettivament, wieħed ma jistax ħlief jammira kemm huwa ċar l-abbozz inizjali tal-Kummissjoni dwar dan (iktar 'il fuq, nota ta' qiegħ il-paġna 40) u jiddispjaċih li ma kienx adottat.

90. L-ewwel, fuq livell kunċettwali, kif il-Gvern Taljan b'mod korrett ifakkar, il-prinċipju *ne bis in idem* jipproteġi mhux biss kontra li tkun imposta t-tieni multa għall-istess nuqqas iżda wkoll kontra t-tieni prosekuzzjoni [58]. Il-fatt minnu nnifsu li tinbeda t-tieni proċedura, għall-istess nuqqas, jikkostitwixxi, fil-fehma tiegħi, ksur tal-garanzija sanċita fl-Artikolu 50 tal-Karta. Għar-raġunijiet li semmejt fid-dettall fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża bpost [59], fir-rigward ta' dan il-punt, jiena lanqas ma naqbel mal-pożizzjoni adottata f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza Menci [60].

91. It-tieni, ir-raba' domanda tirreferi għal sitwazzjoni li fiha NCA tmexxi proċeduri li fihom impriża titlob il-benefiċċju ta' programm ta' klemenza. Tali programm jippermetti trattament favorevoli ta' impriżi li jkunu ddeċidew li jikkooperaw mal-awtorità tal-kompetizzjoni rispettiva fl-investigazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE [61].

92. Madankollu, l-immunità minn, jew it-tnaqqis ta', multa bl-ebda mod ma huma ggarantiti awtomatikament. Jiddependi minn għadd ta' kundizzjonijiet li għandhom bħala t-tema komuni tagħhom "il-valur miżjud" tal-kooperazzjoni ta' impriża sabiex jinstab u jkun issanzjonat il-ftehim ipprojbit [62]. Ikun jiddependi miċ-ċirkustanzi jekk min japplika għall-klemenza jkunx jista' jingħata (jew le) immunità sħiħa jew parzjali, filwaqt li ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni min-naħa tiegħu jkun iddikjarat [63]. Għalhekk, filwaqt li t-tmexxija jew ir-riżultat ta' proċeduri nazzjonali aktarx li jinbidlu minn applikazzjoni għall-klemenza, il-qofol ta' kollox huwa li huma jibqgħu jikkostitwixxu proċeduri minnhom innifishom, li jeħtieġu l-parteċipazzjoni tal-impriżi kollha kkonċernati, inkluż l-applikant għall-klemenza.

93. It-tielet, ukoll jekk kollox imur sew għall-impriża kkonċernata skont il-programm ta' klemenza, u fl-aħħar tingħata immunità sħiħa minn multa, il-proċeduri għandhom xorta waħda jirriżultaw f'dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni min-naħa ta' min ikun applika għall-klemenza. Minn dak li nifhem, għalhekk, ikun għad hemm, b'mod metaforiku, "dikjarazzjoni ta' ħtija" skont id-dritt nazzjonali. Tali dikjarazzjoni tista' tkun tassew sinjifikattiva għall-ġejjieni għall-impriża kkonċernata. Jekk, fil-ġejjieni, din l-impriża terġa' tinstab ħatja għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-ħtija tagħha ta' qabel u r-"reċidiviżmu" aktarx jagħtu lok għal żieda awtomatika fil-multa. Fl-istess waqt, wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li dikjarazzjoni

58 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' April 2019, Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie (C-617/17, EU:C:2019:283, punti 29 u 30).

59 C-117/20, punti 107 sa 110.

60 Tabilħaqq, ir-raba' domanda tal-qorti tar-rinviju turi sewwa waħda mill-problemi kunċettwali fis-sentenza Menci. Nassumi li dikjarazzjoni biss ta' illegalità, mingħajr ma tkun imposta ebda sanzjoni, aktarx mid-definizzjoni tagħha stess tkun tissodisfa l-element ta' proporzjonalità ta' limitazzjoni inkwistjoni skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta. *A fortiori*, tabilħaqq, żewġ proċeduri paralleli kontra l-istess impriża li seħħew minħabba żewġ proċeduri għall-klemenza qatt ma jkunu jistgħu, imbagħad, jiksru l-prinċipju *ne bis in idem*, minħabba li ma jkunu ġew imposti ebda multi? Madankollu, u anzi għal darba oħra, il-prinċipju *ne bis in idem* ma jistax ikun suġġett għal stħarriġ *ex post facto* tal-proporzjonalità tas-sanzjonijiet aggregati.

61 Ara, pereżempju, il-punt 15 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 349, p. 1). Ara wkoll il-punt 16 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2019/1.

62 Ara wkoll l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-Immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2006, C 298, p. 17, punt 8).

63 Il-modalitajiet speċifiċi jiddependu mid-dritt nazzjonali. Il-BWB tispjega li l-proċeduri li jinbdew minħabba talba għall-klemenza huma proċeduri ġudizzjarji, ċivili, mhux kontradittorji, bla ħsara għall-Artikolu 38 tal-Kartellgesetz tal-2005. B'differenza għall-proċeduri quddiem il-Kummissjoni, il-proċeduri nazzjonali ma humiex integrati fil-proċeduri ġenerali li jinvolvu lill-partijiet l-oħra kollha, iżda huma, minflok, proċeduri indipendenti. Ma jirriżultawx fl-impożizzjoni ta' multa jew fit-tnaqqis għal żero ta' din il-multa. Minflok, il-qorti tosserva li kien seħħ ksur, wara li kienet ingħatat il-klemenza mill-BWB.

awtorevoli ta' illegalità, min-naħa ta' din l-impriża, mill-awtorità pubblika kompetenti jew minn qorti, li l-pubbliku aktarx ikollu aċċess għaliha [64], tista' tintuża minn partijiet privati li jkunu qegħdin jitolbu kumpens għal ħsara kkawżata minħabba l-aġir antikompetittiv inkwistjoni [65].

94. Fil-qosor, ma nara ebda raġuni bbażata fuq prinċipju għaliex l-applikabbiltà u l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* ma għandhomx ikunu evalwati b'mod differenti skont jekk il-proċeduri inkwistjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni kinux jinvolvu l-applikazzjoni ta' programm ta' klemenza, anki fejn dan effettivament jirriżulta f'immunità sħiħa minn multa. Meqjus dan, ma naqbilx, għalhekk, mal-argument pjuttost ċirkustanzjali tal-Kummissjoni li l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* għandha tkun tiddependi fuq jekk ikunx għad hemm possibbiltà li Nordzucker titlef l-istatus tagħha ta' applikant għall-klemenza u, għalhekk, li għad tista' tkun imposta multa.

95. Għalhekk nissuġġerixxi li r-risposta għar-raba' domanda magħmula tkun fis-sens li l-prinċipju *ne bis in idem* sanċit fl-Artikolu 50 tal-Karta japplika wkoll fil-kuntest ta' proċeduri nazzjonali li jinvolvu l-applikazzjoni ta' programm ta' klemenza u li ma jwasslux għall-impożizzjoni ta' multa.

V. Konklużjoni

96. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) għal deċiżjoni preliminari, kif ġej:

1. L-applikabbiltà tal-prinċipju *ne bis in idem* sanċit fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tistrieħ fuq l-eżami ta' *idem* iddefinita mill-identità tal-awtur tar-reat, tal-fatti rilevanti u tal-interess ġuridiku protett.

2. Jekk id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u d-dritt tal-kompetizzjoni nazzjonali jipproteġux l-istess interess ġuridiku għandu jkun stabbilit billi jiġu eżaminati r-regoli speċifiċi applikati. Dan jinvolvi l-evalwazzjoni ta' jekk ir-regoli nazzjonali inkwistjoni jkunux differenti minn dawk tal-Unjoni. Meta l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' żewġ Stati Membri japplikaw l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjoni korrispondenti tal-liġi tal-kompetizzjoni nazzjonali, allura huma jkunu qegħdin jipproteġu l-istess interess ġuridiku.

3. Il-fatt li awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tkun qieset effetti ekstraterritorjali ta' aġir antikompetittiv partikolari f'deċiżjoni preċedenti, sakemm hija setgħet tagħmel hekk skont il-liġi nazzjonali, huwa rilevanti għall-eżami tal-applikabbiltà tal-prinċipju *ne bis in idem* fil-proċeduri sussegwenti. L-Artikolu 50 tal-Karta ma jippermettix li awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew qorti jissanzjonaw aġir antikompetittiv li kien diġà s-suġġett ta' proċeduri preċedenti konklużi b'deċiżjoni finali meħuda minn awtorità nazzjonali oħra tal-kompetizzjoni. Dik il-projbizzjoni tapplika, madankollu, biss sakemm il-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* u ġeografiku tas-suġġett taż-żewġ proċeduri jkun l-istess.

[64] Jekk dikjarazzjoni ta' ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni, bil-provi kollha miġbura li jkunu jagħmlu parti mill-motivazzjoni ġudizzjarja, tkun f'deċiżjoni ta' qorti, imbagħad kull kappa ta' protezzjoni tal-Kapitolu II tad-Direttiva 2014/104 tkun tidher eskluża. Is-sitwazzjoni probabbli ma tkunx, madankollu, differenti ħafna fir-rigward ta' deċiżjoni finali dwar ksur mogħtija minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni (għall-kuntrarju ta' sempliċi dokumenti proċedurali jew provi biss, sottomessi fi proċeduri għall-klemenza, bħal dawk elenkati fl-Artikolu 6(6) tad-Direttiva 2014/104).

[65] B'hekk jitneħħa l-piż tal-prova pjuttost tqil li x'aktarx ikun affaċċjat bih kontendent privat li jkun jixtieq jibda azzjoni "awtonoma" għad-danni għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni sabiex jistabbilixxi b'mod preċiż liema huwa l-kontenut speċifiku ta' tali deċiżjoni – li jkun seħħ ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Ukoll, ara dan l-aħħar il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Stichting Cartel Compensation u Equilib Netherlands (C-819/19, EU:C:2021:373, punti 93 sa 96).

4. Il-prinċipju *ne bis in idem* sanċit fl-Artikolu 50 tal-Karta japplika wkoll fil-kuntest ta' proċeduri nazzjonali li jinvolvu l-applikazzjoni ta' programm ta' klemenza u li ma jwasslux għall-impożizzjoni ta' multa.